IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru10 (għaxra) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-24 ta' Marzu, 2025, fl-4pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**10.1. Item Nru 10.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

10.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.05pm u kulħadd kien preżenti.

**10.2 Item Nru. 10.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

10.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet:

Minuta 9.4.14 Il-Kunsill qabel li tinbidel u tghid li "Is-Sindku qal li Doris għandha xi ħaġa"

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-Minuti ġew approvati unanimament.

**10.3 Item Nru. 10.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-magna tal-BCRS f' April hemm seduta u mbgħad wara ikun jonqos madwar 3 xhur oħra sabiex tinqata'

10.3.2 Is-Sindku qal li l-permess ta' ħajt ta' Triq l-Awrat ġie approvat u ser isir bil-bricks. Dan ser isir mil-Public Works. Minn naħa tal-Kunsill għandna bżonn li naħtru Project Supervisor.

10.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Attivitajiet u qal li tajjeb li għal din is-sena napplikaw għal waħda fis-Sajf tal-Gostra li ssir fis-26 ta' Lulju. Is-Sindku ipprezenta draft tal-applikazzjoni u kulħadd qabel.

10.3.4 Is-Sur Attard qal li dwar ir-railing tax-xatt bħalissa miexi sew mil-Kuntrattur tal-Public Works. Fl-istess ħin ħaddiema mil-Public Works qiegħdin jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sottobank.

Dwar il-proposta li jsir travertin is-Segretarju ippreżenta xi stimi pero l-Kunsill ra li sew jiġi ħafna flus u għalissa ser iwarrab din il-possibilta.

10.3.5 Is-Sindku qal li kellna l-laqgħa mar-residenti dwar il-paddle court u dawn qalulna li m'għandhomx oġġezzjoni pero li jsir biċċa minnu fuq il-ground slab biex l-ispazju li hu ppjanat li jsir ġnien jibqa allokat għal ġnien. Xi residenti issuġġerew li tinżamm parti minn dal-ġnien biex jieħdu ħsiebu t-tfal.

Għalhekk sar qbil mil-Kunsill u issa ser ikun qed jiġi mqabbad il-Perit sabiex jagħmel pjanta ġdida.

10.3.6 Is-Sindku qal li l-gym huwa ppjanat li jiftaħ fi żmien ġimgħatejn. Dan wara li ser ikun qed jiġi mgħoddi d-dawl u l-ilma. Sar xi xogħol fuq it-taraġ fejn kien hemm periklu u manutenzjoni li l-Kunsill ma setax jinjora għalhekk inġiebu kwotazzjonijiet u ħdimna bl-irħas waħda.

10.3.7 Is-Sindku qal li dwar id-dressing rooms hemm kont ta' madwar €1000 fuq dawl u ilma u dan qiegħed fuq il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra. Għalhekk il-Kunsill qabel li ġaladarba ma għandnix xnaqsmu ma dan il-konsum u lanqas mal-binja il-Kunsill għandu jikteb lill-Arms sabiex javza bis-sitwazzjoni.

10.3.8 Is-Sindku qal li kellna laqgħa ma' uffiċċjali ta' Birgu 31 u spjega kif il-Kunsill jista jikkontribwixxi u jibbenefika minn dan il-Progett. Il-Kunsill qabel li jissieħeb f'dan il-Progett ta' Birgu 31.

10.3.9 Is-Sindku qal li ser isir xogħol ta' żbir tal-palm u qtugħ tal-ħaxix ta' Fort Park fil-ġimgħat li ġejjin.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR110100 – Malta
Tel: 2161032610
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

10.3.10 Is-Sur Attard qal li fix-xhur li ġejjin ser jibda proġett tal-jogging track madwar il-batteria Delle Grazie. Dan ser isir mil Wasteserv u mil-Ministeru ta' Miriam Dalli. Kellna laqgħa mas-Sur Richard Bilocca u l-periti tiegħu u rajna fejn hawn bjar fil-batterija li jistgħu ikunu ta' uzu sabiex jissaqqew is-siġar u l-pjanti li ser jiġu ppjantati. Aktar dettalji fil-laqgħat li ġejjin.

Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill għandu jiġbor madwar €50K fi spejjeż li kienu saru minħabba l-pjanti u l-periti tal-Jogging Track.

**Fil-16.45, is-Sindku talab li jiġi skużat minħabba laqgħa oħra importanti.**

**10.4 Item Nru 10.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.4.1 Is-Sur Michael Mifsud qal li dwar l-ispeed eċċessiv fejn ir-roundabout ir-residenti tal-madwar irrifjutaw li ssir sleeping police quddiemhom.

10.4.2 Is-Sur Mifsud qal li dwar il-ġabra tal-iskart li qed issir tard il-Kunsill qiegħed ikompli jippressa sabiex is-sitwazzjoni titranġa. Għalhekk inkomplu nippressaw sakemm tissolva.

10.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet dwar il-proposta li nissieħbu fuq proġett bit-tema ta' artiġġjanat. Il-Kunsill qabel u li sal-laqgħa li jmiss nindividwaw residenti mix-Xgħajra li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol.

10.4.4 Is-Sa. Borg qalet li l-Kunsill tat-tfal beda' jiffunzjona u fil-jiem li ġejjin ser ikollu laqgħa oħra.

10.4.5 Is-Sa. Borg qalet biex nippjanaw xi ħaġa għal Ħamis ix-Xirka li ser jiġi nhar is-sbatax ta' April. Il-Kunsill qabel li norganizzaw trasport għal din il-ġurnata u mmorru lejn ir-Rabat sabiex isiru l-visti u ser tkun miftuħa għal kulħadd. Għalhekk nagħmlu avviż fuq il-page ta' Facebook sabiex ir-residenti jibbukkjaw posthom.

10.4.6 Is-Sa. Borg qalet li qed ikun hemm ħafna ilmenti li fuq il-prominade faċċata ta' Triq l-Ispnott qed jitfgħu fdalijiet ta' ħut u mbgħad jibqa ħafna xewk jiġri. Għalhekk issuġġeriet li jsir bin f'din l-akkwata.

Is-Sur Michael Mifsud qal li ser ikellem lil Ramon Deguara sabiex jipprovdielna bins ġodda.

10.4.7 Is-Sur Raymond Duncan staqsa jekk nistgħu napplikaw għal *bus stop* ġdid f'Dawret ix-Xatt bejn Triq l-Ispnott u Smart City. Dan wara li tal-linja qed jidhlu Smart City pero hemm distanza twila għar-residenti ta' din l-awwakti. Kulħadd qabel li ssir din it-talba.

10.4.8 Is-Sur Raymond Duncan ippropona li jsiru fjuri fejn hemm il-Belveder ta' tisbieħ.

10.4.9 Is-Sur Duncan staqsa dwar it-tabella ta' periklu fil-Fort Park. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn huma ordnati u ser tintbgħat reminder dwarhom.

10.4.10 Is-Sa. Buttiġieg ippreżentat l-ispejjeż tal-attivita li saret iż-Żurrieq u li dawn tħallsu dirett mil-parteċipanti.

**10.5 Item Nru. 10.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

10.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**10.6 Item Nru. 10.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

10.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li ġejna mitluba minn Infrastruttura Malta sabiex nibgħatu lista bil-prijoritajiet ta' kif nixtiequ li jkun ix-xogħol fuq it-toroq biex isiru b'asfalt ġdid.
Il-prijoritajiet ingħataw kif ġej:

1. Triq Wied Glavan
2. Trejqet il-Villeġġanti
3. Triq San Ġakbu
4. Dawret ix-Xatt

Il-Kunsill qabel li jipproponi laqgħa ma' Infrastruttura Malta u l-Public Works minħabba Dawret ix-Xatt peress li ser isir dawl b'sistema solari kif ukoll li x-xogħol ma jsirx fis-Sajf speċjalment ta' Dawret ix-Xatt.

**10.8 Item Nru. 10.8 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

10.8.1 Pagamenti b'numru 9 ġew approvati unanimament.

**10.9 Item Nru. 10.9 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

10.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**10.10 Item Nru. 10.10 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

IX-XGĦAJRA

10.10.1 Il-laqgħa intemmet fil-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' April fl-4pm

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR110100 – Malta
Tel: 2161032610
E-Mail xghajra.lc@gov.mt